# Il-Kappella tat-Tħabbira lill-Madonna (Il-Lunzjata) f'Ħal Kirkop

*Kitba ta' Max Farrugia*

## Nota Editorjali

Bosta bliet u rħula Maltin, minbarra l-Knisja Parrokkjali, għandhom iżejnuhom għadd ta' kappelli jew knejjes żgħar li jagħtu karattru lit-toroq u jattiraw l-attenzjoni ta' min ikun għaddej minn biswithom. Bħala raħal antik ħafna, Ħal Kirkop mhux eċċezzjoni, u nsibu prominenti l-knisja filjali tal-Annunzjata, popolarment magħrufa bħala l-Lunzjata. Din id-devozzjoni lejn it-Tħabbira tal-Mulej hija mhux biss bikrija fost il-Maltin, iżda jidher li kellha għeruq fondi sew in-naħat tagħna, fost l-oħrajn bil-Kappella sabiħa mimlija affreski ta' Ħal Millieri. F'dal-artiklu, Max Farrugia, li huwa persuna ntiża ħafna fl-istorja ta' kappelli simili, jgħarrafna mhux biss bil-passat tal-Lunzjata, iżda wkoll jagħti sfond lir-restawr professjonali li sar matul is-sena li għaddiet, permezz tar-rapport tal-periti li ġentilment għaddielna Mario J. Spiteri. Tajjeb ta' min ifakkarna li l-Lunzjata serviet ta' ċimiterju, maħżen għall-armar, knisja parrokkjali temporanja u finalment Kappella tal-Adorazzjoni Ewkaristika.

Fir-raħal ta' Ħal Kirkop illum il-ġurnata nsibu l-Knisja Parrokkjali ddedikata lil San Anard, li bla dubju ta' xejn hija l-monument ekklesjastiku prinċipali tar-raħal u żewġ kappelli oħra dik tal-Lunzjata, jew aħjar it-tħabbira lill-Madonna u San Nikola li tinsab fiċ-ċimiterju. Hawn ukoll il-fdalijiet ta' kappella oħra ddedikata lil San Ġakbu. Dawn ma kinux l-uniċi kappella li kien hawn f'dan ir-raħal għax kif huwa dokumentat fid-dokumenti li nsibu fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina, kif ukoll f'xi wħud mill-Visti Pastorali kien hawn mill-inqas erba' kappelli oħra. Tnejn minn dawn id-dedika kienet lil Santa Marija u lil San Anard li kienu jinsabu fejn illum hemm il-knisja parrokkjali. It-tnejn l-oħra huma dik dedikata lil Santa Anastasia u oħra l-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann Battista. Kif naraw dan ir-raħal għalkemm ċkejken bi ftit djar jew irziezet imferrxa 'l hawn u 'l hinn kellu seba' kappelli.



Dehra tal-Kappella tal-Lunzjata fis-snin erbgħin. Warajha jidher l-arblu tal-Każin b'kruċetta f'għamla ta' anġlu bil-ġilju f'idu.

## Kappelli ddedikati lill-Madonna

Illum nagħti ftit informazzjoni dwar waħda minn dawn it-tnejn li baqa'; dik tal-Lunzjata li tinsab fiċ-ċentru tar-raħal u li għadha tintuża għal attività reliġjuża sal-lum. L-ewwel kappella dedikata lil Santa Marija qabel dik li hemm illum kienet inbniet lejn nofs is-seklu ħmistax imma mid-dehra ma tantx damet tintuża minħabba li lejn il-bidu tas-seklu sittax minflokha nbniet il-Knisja Parrokkjali. Il-kappella tal-Lunzjata li hemm illum fil-qalba tar-raħal mhux dik li kienet inbniet lejn l-450 bil-kontribuzzjonijiet tan-nies ta' dawn l-inħawi. Din kienet twaqqgħet u ġiet mibnija mill-ġdid kważi mitejn sena wara fl-1640. Ftit metri biss 'il bogħod minn din il-kappella nsibu salib fuq kolonna. Bħal dan insibu diversi oħrajn fl-irħula Maltin minħabba l-fatt li kienu jitpoġġew bħala tifkira ta' meta kien ikun hemm xi kappella li tkun twaqqgħet. Hawn min isejjaħ dan is-salib bħala tad-Dejma minħabba li kien post fir-raħal fejn in-nies tad-Dejma kienu jiltaqgħu meta kien ikun hemm xi attakk fuq il-gżejjer tagħna biex jingħataw l-ordnijiet mill-mexxejja tagħhom.

## Il-Kappella tal-Lunzjata u Monsinjur Dusina

Dak li nsibu miktub fir-rapport ta' Monsinjur Pietro Dusina, id-delegat tal-Papa li kiteb dwar is-sitwazzjoni tal-Knisja f'Malta fl-1575 fiż-żjara Appostolika tiegħu, meta ġie Ħal Kirkop li jirreferi għalih bħala *Casalis Percopi* ma jirreferix għall-kappella li hawn illum, imma l-ewwel waħda li kien hemm. Jgħid li fiha kienet issir il-quddies u jinxtegħel il-lampier fil-Ħdud u l-festi kmandati. Kienet ukoll issir il-festa b'dedikata lil din il-Madonna.

Ikompli jikteb li l-kappella kellha altar wieħed u bieb tal-injam li jissakkar.

Din il-kappella fl-1621 kienet ġiet dekonsagrata mill-Isqof Baldassare Cagliares minħabba l-istat ħażin li kienet waqgħet fih, imma jidher li ma tantx damet ma ġiet konsagrata mill-ġdid għax insibu deskrizzjoni interessanti tagħha fir-rapport tal-Vista Pastorali li għamel l-Isqof Michele Giovanni Balaguer (1635-1637) fejn fost affarijiet oħra jgħid din il-kappella kellha l-altar wieħed li kien imżejjen bi kwadru titulari dedikat lit-tħabbira lill-Madonna li kien jinsab fi stat tajjeb. Sal-lum il-ġurnata ma nafux min pitter dan il-kwadru.

## Il-Kappella preżenti

Meta l-Isqof Cocco Palmieri għamel il-Vista Pastorali tiegħu fil-Gżejjer Maltin (1685-1687) huwa għamel referenza għal din il-kappella waqt il-waqfa tiegħu f'Ħal Kirkop u jgħid li din kienet tinsab fi stat tajjeb, kellha il-ħtiġijiet kollha meħtieġa biex tagħti servizz reliġjuż, u jgħid ukoll fuq l-altar prinċipali kien hemm kwadru titulari li minbarra lil Santa Marija kien jinkludi wkoll fih lil San Pietru u San Pawl, dettall li ma jsemmix qabel. Nista' ngħid li dan żgur mhux it-titular li hemm illum. Dan wisq probabbli ġie mpitter wara din il-vista pastorali għax fih ma hemmx l-appostli li jsemmi l-Isqof Alpheran de Bussan. Tajjeb ngħid li l-Isqof Palmieri għamel iż-żjara tiegħu lill-kappella li hawn illum, u sabha fi stat tajjeb ħafna minħabba l-fatt li kienet inbniet ftit tas-snin qabel.

Quddiem din il-kappella hemm zuntier imdaqqas mhux ħażin. Huwa dokumentat li fil-kappella kien hemm midfuna diversi persuni li l-biċċa l-kbira minnhom mietu b'riżultat ta' waħda mill-pesti li laqtu lil pajjiżna. Illum il-ġurnata l-fdalijiet ta' dawn jinsabu midfuna fiċ-ċimiterju ta' San Nikola tal-istess raħal. B'digriet maħruġ mill-Isqof Alpheran de Bussan fil-25 ta' April tal-1754, il-Kappillan Don Lorenzo Caruana li serva f'din il-parroċċa bejn Lulju tal-1743 u Marzu tal-1759, kien ordnat sabiex fit-2 ta' Novembru ta' kull sena, fil-festa tal-erwieħ din il-kappella u z-zuntier jiġu mbierka.

## Xogħol ta' tisbiħ fil-Kappella

Fl-1782, ir-rettur ta' din il-Kappella, Don Lorenzo Chircop, ħareġ somma flus biex tiġi rranġata u rrestawrata, u anke jinxtraw affarijiet reliġjużi li kienet nieqsa minnhom. Bix-xogħlijiet li saru l-kappella nġabet fl-istat tajjeb ħafna kif nistgħu narawha llum il-ġurnata. Proprju sentejn wara li laħaq rettur, fl-1784 il-benefikat magħrufa bħala ta' Romana li kien twaqqaf fl-1436 minn Simone Xiricha, ġie f'idejh u biex ifakkar dan u d-devozzjoni lejn San Luqa kkummissjona pittura li turi lil San Luqa. Insibu wkoll il-kwadru lil San Lawrenz. Żewġ qaddisin marbuta mal-benefikat u l-isem ir-rettur. Dan il-kwadru għadu f'din il-kappella taħtu hemm miktub hekk: *1784 Sumptibus D[omini] Laurentii Chircop Beneficiati Juris Patronatus Laicorū[m]: Sub titul[o] S. Lucae in hoc [sic] icone Summum Obsequium praestare voluit Beneficiū[m] Appellatum Ta Romana Fundatum A Simone Xiriha Anno Salutaris 1436.*



L-artal prinċipali tal-Knisja tal-Lunzjata armat bi xbieha tad-Duluri fis-snin sittin. Jidher ukoll il-kanċell li kien hemm jifred l-artal mill-fidili.

F'din il-kappella minbarra t-titular illum il-ġurnata nsibu pittura ta' wieħed mill-benefatturi tagħha, il-Koppin Francesco Cassar, u ħames kwadri oħra li erbgħa minnhom huma kbar ħafna. Fost dawn hemm pittura tal-Missier Etern imdawwar bl-anġli, il-kruċifissjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, pittura ta' Santu Rokku u oħra ta' San Luqa u San Lawrenz.

Ħaġa mhux daqshekk komuni fil-kappella rurali hija li l-bieba tat-tabernaklu hija magħmula mill-injam u fuqha pittura ta' Kristu bil-kalċi u l-ostja f'idu.

L-altar maġġur huwa magħmul kollu mill-ġebel u għandu żewġ tarġiet quddiemu. Tajjeb ngħidu li kemm il-wiċċ tal-altar, kif ukoll it-tarġa tal-altar kien ikollhom wiċċ tal-injam barranin fuqhom. Ir-raġuni għal dan hija waħda ta' prekawzjoni. Jekk kumbinazzjoni waqt il-quddies kienet taqa' xi ostja, dawn l-uċuħ tal-injam kienu wara li jitneħħew il-fdalijiet tal-ostja, jinħarqu u jsiru ġodda. Drawwa li ilha li nqatgħet sewwa.

Minkejja li din mhux xi kappella kbira, kellha pulptu tal-kewba sabiħ ħafna, bl-injam tiegħu skulturat. Dan il-pulptu kien fuq erba' saqajn.

Is-saqaf tal-kappella huwa wieħed ġej għan-nofs tond li jsorġu fuq il-pilastri u bordura tal-ġebel id-dawra kollha. L-art li qabel kien hemm xi oqbra taħta hija magħmula miċ-ċangatura. Ta' min jgħid li l-bieb prinċipali u dak tal-ġenb kien hemm żmien meta kien fin-nofs tond u mhux kwadru bħal tal-lum. Dan wieħed jista' jarah proprju fuq l-iskultura li hemm fuq il-bibien preżenti.

Il-kappella fuq il-ġenb tan-naħa tax-xellug tal-altar hemm kamra żgħira li kienet tintuża bħala sagristija żgħira. Garigor li jagħti għal fuq il-bejt ta' din il-kappella jinsab fuq il-lemin eżatt kif wieħed jidħol.

## Xogħol ta' restawr

Madwar sitt snin ilu, lejn l-aħħar tal-2007, id-direttorat tar-Restawr tal-Ministeru tax-xogħlijiet kien beda xogħol ta' restawr fuq din il-kappella. Ix-xogħol kien ħa ftit aktar minn erba' xhur biex tlesta. L-ewwel xogħlijiet kienu saru fuq ġewwa tal-kappella. Bil-paċenzja u sena kbira tneħħa s-siment kollu li kien hemm kemm fil-fili kif ukoll fuq il-ġebla, u anke diversi passati ta' żebgħa li kien hemm sakemm inkixfet il-ġebla. Dan ix-xogħol sar b'reqqa kbira sabiex il-ġebla tiġi protetta u ntuża ġir apposta li teknikament jissejjaħ "hydraulic lime plaster" li għandu l-kulur tal-ġebla sabiex jekk il-ġebla tfarfar ma tantx ikun jidher. L-istess proċess intuża għas-saqaf li hemm nofs tond, għax-xorok kif ukoll għall-gallerija li hemm fuq il-bieb prinċipali fuq in-naħa ta' ġewwa.

Fil-ġnub tal-kappella u anke fil-faċċata kien hemm ukoll xi konsenturi. Din is-sitwazzjoni mhux biss kienet qiegħda tikkaġuna umdu imma anke tagħmel ħsara lill-ġebla minħabba l-ilma li kien dieħel ġewwa. Minn mal-faċċata u l-ġnub tal-kappella tneħħew diversi pjanti selvaġġi, u ħmieġ ieħor fuq il-ġebla kkaġunat mill-elementi ambjentali. Ħafna mill-fili ġew miftuħa u ntuża materjal apposta bħalma sar fuq ġewwa tal-kappella. Is-saqaf tal-kappella minbarra li huwa magħmul minn dak li jissejjaħ "Coccio-pesto" li ħafna jsibuh bħala "saqaf tad-deffun", kellu bżonn isiru ħafna inerventi fuq u minħabba li kien hemm saħansitra anke pjanti selvaġġi li nibtu fuqu. Meta tlesta x-xogħol kollu, il-kappella ngħatat kisja bi prodott magħruf bħala velatura sabiex tipproteġi l-ġebel kemm jista' jkun mill-elementi naturali.

Din il-kappella llum il-ġurnata tinfetaħ kuljum għall-adorazzjoni perpetwa.

**Referenzi**

Rapporti tal-Visti Pastorali tal-Isqfijiet Alpheran de Bussan, Baldassare Cagliares, Michele Giovanni Balaguer u Cocco Palmieri.

George Aquilina, Stanley Fiorini, Documentary Sources of Maltese History Vista Apostolica No. 51 Mgr. Petrus Dusina Malta 2001.

Achille Ferres Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo Malta 1866.

Vincent Borg, Melita Sacra I* and II** The Maltese and Sicilian Environment from Norman Period till 1500 Malta 2008.

Vincent Borg, Melita Sacra II The Maltese Diocese during the 16th Century Malta 2009.

Rapport tekniku Ministeru tax-Xogħlijiet sena 2007 dwar ir-Restawr tal-Lunzjata.

Copyright Max Farrugia Dip.LIS



**L-artal waħdieni tal-Kappella tal-Lunzjata llum il-ġurnata, li fuqu jiġi espost Ġesù Ewkaristija għall-adorazzjoni ta' kuljum.**